MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Numru. 267/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**

v

**JOHAN SULTANA**

**Il-Qorti;**

Rat li r-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija ppresentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2004 li permezz tieghu talab r-revoka tal-helsien mill-arrest tal-imputat Johan Sultana u li taghti kull direttiva li jidrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi ai termini tal-artikolu 578 u 579 tal-Kodici Kriminali.

Rat d-digriet taghha preliminari datat erbgha w ghoxrin ta' Frar 2004 fejn ordnat li l-istess rikors jigi notifikat lil imputat.

Rat li l-imputat ta ruhu b'notifikat b'dan l-istess rikors fis-seduta tat-tnejn ta' Marzu 2004 tant li ezenta lil Prosekuzzjoni mill-hgiega li tressaq provi dwar il-kontenut tar-rikors tieghu peress li d-Difiza qablet mal-kontenut tar-rikors tal-istess Kummissarju tal-Pulizija u cioe li l-imputat kien barra minn daru nhar l-hdax ta' Frar 2004 fit-tlieta neqsin ghaxra ta' filghodu.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan l-istess verbal tad-difiza tat-tnejn ta' Marzu 2004 il-Qorti tiddikjara li l-imputat kiser l-kundizzjoni tal-liberta provizorja moghtija lilu fid-digriet taghha tat-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2003 u tnehhilu l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest tieghu mill-gdid minnufih.

Id-Difiza ghamlet referenza ghad-digriet moghti mill-Qorti Kriminali nhar l-erbgha ta' Gunju 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija v Deborah Fenech de Fremaux u dan sabiex din il-Qorti ma tordnax il-konfiska tal-flus esibiti l-Qorti meta l-imputat inghata l-liberta provizorja.

Il-Qorti rat dak d-digriet imsemmi mid-Difiza pero issostni li l-fatti specie ta' dan il-kaz ma humiex l-istess ghaliex filwaqt li f'dak id-digriet **dik** l-Qorti hasset li jkun aktar opportun li tapplika l-artikolu 578 tal-Kap 9, **din** il-Qorti thoss li huwa aktar opportun li tapplika l-artikolu 579 tal-Kap 9 u dan ghaliex fil-fehma taghha l-fatt li l-imputat instab barra minn daru fil-hin indikat fir-rikors u cioe fit-tlieta neqsin ghaxra ta' filghodu tal-hdax ta' Frar 2004, huwa ksur tal-kundizzjoni mposta fuqu fl-obbligazzjoni tal-garanzija li hi ta' konsegwenza serja u ghalhekk in linea ma dak li jiddisponi l-istess artikolu 579 tal-Kap 9, **din il-Qorti** qeghda wkoll **tordna konfiska tal-flus esibiti nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2003 fl-ammont ta' mitejn lira maltin [vide fol 166] favur il-Gvern ta' Malta kif wkoll l-ammont ta' elf lira maltin moghtija lil imputat bhala garanzija personali tieghu fost l-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja moghtija wkoll fl-istess jum tat-**

**tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2003. Din is-somma ghandha wkoll tmur favur il-Gvern ta' Malta.**

In vista tax-xhieda moghtija minn **Josette Camilleri** nhar t-tnejn ta' Marzu 2004, bhala rappresentant tal-agenzija SEDQA, **il-Qorti taghmel r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jinkoragixxi lil intimat imputat jaghmel l-*assessment* rikjest mill-imsemmija agenzija SEDQA sabiex jindirizza l-problema tieghu ta' abbuz mid-droga.**

**Il-Qorti tordna li dan d-digriet jigi notifikat lil Kummissarju tal-Pulizija u lil Avukat Generali kif wkoll lid-Direttur tal-Qorti Kriminali immedjatament.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------